**15 ta' Mejju, 1990**

**Imħallfin: –**

**Onor. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S., – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can. (Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Angel *sive* Angelo Bajada

**Omiċidju Volontarju – Xhieda Ġodda fi Stadju ta' Appell – Stqarrijiet ta' l-Akkużat – Il-Piż tal-Prova – L-Apprezzament tal-Provi – Konflitt ta' Provi – Provi Indizjarji**

*Taħt l-artikolu 507 tal-Kodiċi Kriminali hu impost obbligu fuq il-Qorti li tammetti provi ġodda, jekk ikunu jirrikorru l-kondizzjonijiet preskritti fih. Dawn huma illi l-Qorti tkun sodisfatta li hemm spjegazzjoni raġonevoli għalhiex il-prova ma ġietx prodotta fil-proċess, u l-qorti jkun jidrilha li l-prova offerta hi aktarx kredibbli u li kienet tkun ammissibbli fil-proċess fuq punt rilevanti għall-appell. Iżda l-Qorti tista' tirrifjuta li tammetti l-prova jekk tkun sodisfatta li ma tagħti ebda lok biex l-appell jiġi milqugħ.*

*Ma hemm ebda regola li tidderoga mill-prinċipju li x-xhieda ta' l-akkużat, bħal dik ta' kull xhud ieħor għandha tkun viva voce, ibbażata fuq dak li jiftakar; l-istqarrijiet tiegħu preċedenti jistgħu jintużaw billi jinqraw kemm biex jiftakar aħjar kif ukoll biex jiġi kkontrollat aħjar dak li jkun qed jixhed viva voce. Il-prattika għandha tkun li fil-każijiet normali stqarrijiet preċedenti ma jinqrawx jekk ma jkunux ser jintużaw biex jiffriskaw il-memorja jew biex ix-xhud jiġi rinfaċċjat li fl-okkażjoni ta' dik l-istqarrija jkun għamel dikjarazzjoni li ma taqbilx max-xhieda tiegħu.*

*Għalkemm il-versjoni tal-prosekuzzjoni u dik ta' l-akkużat kienu konfliġġenti, kif anki konfliġġenti kienu l-provi, ma kienx hemm dak il-konflitt ta' provi li a bażi tiegħu wieħed kellu neċessarjament jasal għall-konklużjoni li kien hemm dubju raġonevoli dwar jekk il-prosekuzzjonijiet kinitx ippruvat il-każ tagħha ossia l-ħtija ta' l-akkużat skond l-att ta' l-akkuża. L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwill għall-aħħar jaslu għall-konklużjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu.*

*L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoċi.*

Il-Qorti: – Rat l-att ta' akkuża numru 51 ta' l-1983 fl-ismijiet premessi konsistenti f'kap uniku li bih l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuża lill-Angel *sive* Angelo Bajada ħati ta' l-omiċidju volontarju ta' martu Carmen u ċjoè talli dolożament bil-ħsieb li joqtolha jew li jqegħdilha ħajjitha f'perikolu ċar ikkaġunalha l-mewt;

Rat il-verdett tal-ġurija li bih b'seba' voti kontra tnejn sabu lill-istess akkużat Angel *sive* Angelo Bajada ħati skond l-att ta' l-akkuża;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru, 1986 li biha wara li rat l-att ta' l-akkuża numru 51/83 u l-imsemmi verdett tal-ġurija, iddikjarat lill-istess Angel *sive* Angelo Bajada ħati ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqegħdilha l-ħajja tagħha f'perikolu ċar kkaġuna l-mewt, u wara li semgħet lill-avukati dwar il-piena u ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ikkundannat lill-istess Angel *sive* Angelo Bajada għall-piena ta' priġunerija għal żmien għoxrin sena li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-istess għamel bħala arrest preventiv u inoltre kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-perizji taxxati lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Angel *sive* Angelo Bajada ppreżentat fit-2 ta' Diċembru, 1986 li bih filwaqt li interpona appell mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali u għamel riferenza għall-provi diġa prodotti, u dawk produċibbli skond il-liġi, talab li l-istess verdett u sentenza jiġu mħassra u annullati u rrevokati għal kollox u li huwa jiġi lliberat minn kull ħtija u piena skond il-liġi jew li din il-Qorti jogħġobha tiddisponi mod

ieħor mill-appell tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Qabel xejn kif ġa ngħad l-appellant fl-istadju ta' l-appell talab il-produzzjoni ta' xhud ġdid ċjoè ta' Bryan Green;

Issa skond l-artikolu 506(ċ) tal-Kodiċi Kriminali – għal dak li hu rilevanti għall-każ – din il-Qorti tista' jekk jidhrilha meħtieġ jew espedjenti fl-interess tal-ġustizzja:

"jekk jidhrilha xieraq taċċetta x-xhieda, jekk offerta, ta' kull xhud (inkluż l-appellant) li jkun xhud kompetenti iżda li ma setax jiġi obbligat jixhed fil-kawża....."

L-artikolu 507 ta' l-istess Kodiċi mbagħad jiddisponi illi:

"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' l-aħħar artikolu ta' qabel dan, meta tiġi offerta xhieda quddiem il-Qorti skond dak l-artikolu, il-Qorti għandha ħlief jekk tkun sodisfatta illi x-xhieda jekk ammessa ma tagħti ebda lok biex jiġi milqugħ l-appell, teżerċita s-setgħa tagħha skond dak l-artikolu li tirċeviha jekk – a) jidher lill-Qorti illi x-xhieda aktarx tkun kredibbli u kienet tkun ammissibbli fil-kawża fuq kwistjoni li hija l-oġġett ta' l-appell; u b) l-Qorti tkun sodisfatta li ma ġietx miġjuba fil-kawża iżda li hemm spjegazzjoni raġonevoli għan-nuqqas biex tiġi hekk miġjuba";

Issa kif diġa kellha okkażjoni tosserva din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 1971 in *re* **Il-Maestà tagħha r-Reġina *vs* Alfred *sive* Fredu Frendo u Vincent *sive* Ċensu Vella:**

"Dawn id-disposizzjonijiet huma modellati kelma b'kelma fuq id-disposizzjonijiet korrispondenti tal-liġi ingliża kif emendata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-*Donovan Committe* (Cmnd. 2755 para. 136) li qalu "*it would help the Court to avoid or correct any miscarriage of justice if evidence were admitted if there were a reasonable explanation for the failure to adduce it at the trial*". L-emenda ġiet l-ewwel introdotta bil-*Criminal Appeal Act 1966 s. 5* u mbagħad ġiet inkorporata fil-*Criminal Appeal Act 1968 s. 23*";

Kif kienet spjegat din il-Qorti kif allura komposta fis-sentenza tagħha ċitata:

"Bl-artikolu 508J (illum art. 506) (korrispondenti għal disposizzjoni li kienet ġa teżisti taħt il-*Criminal Appeal Act 1907*) il-Qorti għandha **diskrezzjoni** li tammetti provi ġodda jekk jidhrilha xieraq u meħtieġ jew espedjenti fl-interessi tal-ġustizzja. Il-prinċipji ġenerali li fuqhom il-Qrati fl-Ingilterra kienu jiggwidaw ruħhom fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni jistgħu jiġu risjassunti brevement hekk: (i) "*the evidence must be evidence which was not available at the trial; (ii) it must be evidence relevant to the issues; (iii) it must be credible evidence i.e. evidence well capable of belief; (iv) if the evidence is admitted the Court will, after considering it, go on to consider whether there might have been a reasonable doubt in the minds of the jury as to the guilt of the appellant*

*if that evidence had been given together with the other evidence at the trail (Cfr. Court of Appeal, Criminal Division: by Dr. Thompson & H.W. Walleston, 1969, p. 121 and Archbold, 37th Ed. 890).* Biex provi ġodda kienu jiġu ammessi *"a very strong case must be made out..."* iżda, mill-banda l-oħra, il-Qrati kienu jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom *"where the interests of justice were plain"* u l-Qorti kienet tkun tal-fehma li stea' ġie nkors *"miscarriage of justice"* f'liema każ il-Qorti *"would not allow a technical point to stand in its way" (R. vs Perry and Harvey, 2 Cr. App. R.89);*

Taħt l-artikolu 508K (illum 507) invece, hu impost **obbligu** fuq il-Qorti li tammetti provi ġodda, jekk ikunu jirrikorru l-kondizzjonijiet preskritti fih. Dawn huma illi a) il-Qorti tkun sodisfatta li hemm spjegazzjoni raġonevoli għalhiex il-prova ma ġietx prodotta fil-proċess; u b) il-Qorti jkun jidhrilha illi l-prova offerta hi aktarx kredibbli (ċjoè *"well capable of belief")* u li kienet tkun ammissibbli fil-proċess fuq punt rilevanti għall-appell. **Iżda** il-Qorti tista' tirrifjuta li tammetti l-prova jekk tkun sodisfatta li ma tagħti ebda lok biex l-appell jiġi milqugħ *("the Court is satisfied that it would not afford any ground for allowing the appeal")";*

Kif kienet żied tgħid il-Qorti fis-sentenza ċitat:

"Il-prinċipji huma raġonevolment ċari. L-iskop prinċipali ta' l-emendi l-ġodda fl-Att ingliż – u dan għandu jkun l-iskop tal-liġi tagħna – huwa li, sakemm jista' jkun, ma jitħalliex li jkun hemm *"miscarriage of justice"*. L-applikazzjoni prattika tal-prinċipji, però, tiddependi neċessarjament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u l-Qorti ma tistax tistabbilixxi regoli jew

kriterji assoluti "*a priori*" ".

Ma' dan kollu li kienet qalet din il-Qorti jista' jiżdied biss l-artikoli 506 u 507 tal-Kodiċi Kriminali huma indipendenti minn xulxin fis-sens illi anki jekk ma jkunux jirrkorru r-rekwiżiti taħt l-artikolu 507, il-Qorti xorta għandha d-diskrezzjoni li tapplika l-artikolu 506 jekk ikun il-każ. Iżda kif jispjega l-Archbold, (42nd Ed. para. 98, p. 884);

*"Of course, it is common sense that the Court will not receive evidence under subsection (1) if it is satisfied that it "would not afford any ground for allowing the appeal": for its reception would not be "necessary" in the interests of justice".*

F'dan l-isfond legali hu ovvju li l-kompitu tal-Qorti mhux wieħed faċli għaliex hu essenzjalment marbut ma' l-eżami ta' l-istess mertu ta' l-appell fis-sens li jidher ċar li biex tasal għall-konklużjoni taċċettax jew le t-talba għall-produzzjoni tax-xhud mitlub trid essenzjalment tidħol fil-qalba tal-mertu ta' l-appell. Dana għaliex waħda mid-domandi basiċi li trid tagħmel lilha nfisha u li trid twieġeb għaliha hija proprju jekk hemmx possibilità li bl-ammissjoni ta' dik ix-xhieda fl-istadju tal-ġuri kienx jidħol f'moħħ il-ġurati dak id-dubju raġonevoli li a bażi tiegħu kienu jkunu tenuti joħorġu b'verdett ta' mhux ħati. Anzi fit-terminu ta' l-artikolu 507 din il-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox tara jekk dik ix-xhieda jekk ammessa tagħtix lok biex jiġi milqugħ l-appell;

Illi għalhekk qabel ma tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex mhix tal-fehma li x-xhud Bryan Green għandu jiġi ammess jixhed f'dan l-istadju din il-Qorti sejra tikkonsidra l-mertu proprju ta'

l-appell ta' l-akkużat;

Qabel tagħmel dan, però, sejra tiddisponi miż-żewġ aggravji ta' indoli legali sollevati mill-appellant fir-rikors tiegħu ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' indoli legali li din il-Qorti sejra issa tikkonsidra huwa dak relattiv għall-allegata rregolarità konsistenti fir-rifjut ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li takkorda lill-appellant li qabel jixhed jinqrawlu l-istqarrijiet tiegħu preċedenti;

Ġara illi wara li l-akkużat offra x-xiehda tiegħu u fil-fatt beda jixhed billi jwieġeb għad-domandi li kien qed jagħmillu d-difensur tiegħu, l-istess difensur f'ċertu ħin qallu "Jien ser naqralek l-istqarrijiet li hawn hawnhekk". Immedjatament qamet kwistjoni billi l-prosekutur oġġezzjoni għall-qari ta' l-istqarrijiet lill-akkużat u fil-fatt ivverbalizza li: "il-prosekuzzjoni qed topponi għall-fatt li d-difiża taqbad u taqra d-deposizzjoni ta' l-akkużat u tistaqsih partita partita. Peress li l-akkużat hu bħal kwalunkwe xhud ieħor u għandu jixhed *viva voce* u biss jekk juri l-ħtieġa li jirrinfreka l-memorja dwar l-avvenimenti li jiġi mistoqsi dwarhom huwa jkollu d-dritt li jirreferi għall-istatement konfermat....";

Id-difensur ta' l-akkużat in risposta irrileva li hija prattika kostanti konformi mal-liġi, illi l-akkużat, bħal kwalunkwe xhud ieħor għandu d-dritt li jinfreska l-memorja b'dak li jkun kiteb ieħor jew inkiteb minn ħaddieħor għar-rigward ta' dak li qal fi żmien ieħor hu fuq il-fatt u żied jissottometti ukoll li peress

li l-istqarrijiet tiegħu diġa kienu prova akkwiżita fil-proċess hu għandu d-dritt li jagħmel il-kumment tiegħu fuq dak li ġie reġistrat li allegatament qal u għalhekk talab li jirrispondi għal domandi fuq l-istess stqarrijiet wara l-qari ta' l-istess biċċa wara biċċa;

Sussegwentement l-ewwel Onorabbli Qorti fl-assenza tal-ġurija, permezz ta' digriet, laqgħet l-opposizzjoni tal-Prosekuzzjoni u ordnat li l-akkużat jiġi mfakkar biss billi jinqraw partijiet mill-istqarrijiet biex jiftakar biss;

L-appellant appella mmedjatament minn dan id-digriet u issa qed jippretendi li din il-projbizzjoni kienet waħda errata u kienet determinanti għaliex hu ma kellux il-benefiċċju li ttih il-liġi li jiġi mfakkar dak li qal fl-istqarrijiet tiegħu qabel ma jixhed. Huwa jissottometti ukoll li meta wieħed iqis kemm saret enfasi mill-Prosekuzzjoni fuq is-suppost inkonsistenzi fix-xhieda tiegħu l-importanza ta' dan l-aggravju tiftiehem aħjar;

Din il-Qorti, però, tikkondividi pjenament il-ġudizzju ta' l-ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward. Fil-fatt il-kwistjoni kollha trid tiġi kkonsidrata fl-isfond tar-regola proċedurali li r-regolament tal-provi huma mansjoni fdata u riservata mil-liġi f'idejn il-Qorti kif ukoll fl-isfond tar-regola l-oħra li fis-sistemza tagħna waħda mill-karatteristiċi hija li x-xiehda fejn hu possibbli tingħata *viva voce;*

Huwa veru li f'diversi ġurijiet ġara li ġie permess li lill-akkużat u xhieda oħra jinqrawlhom l-istqarrijiet li jkunu għamlu f'okkażjonijiet preċedenti u dan qabel ma jibdew jixhdu biex jiġu mfakkra xi jkunu qalu fihom u hu veru ukoll li ġieli ġie

permess li l-eżami ta' l-akkużat fil-ġuri in parti jsir billi tinqralu biċċa biċċa l-istqarrija li jkun għamel lill-awtorità tal-Pulizija u jiġi mistoqsi fuq kull biċċa moqrija lilu. Huwa veru ukoll, però, li fil-maġġor-parti assoluta tal-ġurijiet ma jsir xejn minn dan u riferenza għal stqarrijiet preċedenti ssir biss biex tiġi rinfreskata l-memorja ta' l-akkużat meta jkun hemm il-ħtieġa u skond il-każ. Ir-raġuni għal dan hu proprju l-fatt li ma hemm ebda regola fir-rigward li tidderoga mill-prinċipju li x-xiehda ta' l-akkużat bħal dak ta' kull xhud ieħor għandha tkun *viva voce* bbażata fuq dak li jiftakar b'dan imbagħad li stqarrijiet tiegħu preċedenti jistgħu jintużaw billi jinqraw kemm biex jiftakar aħjar kif ukoll biex jiġi kkontrollat aħjar dak li jkun qed jixhed *viva voce;*

Anzi, jekk wieħed jeżamina l-artikoli 583, 584 u 586 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili reżi applikabbli għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, jara li preferibbilment il-prattika għandha tkun li fil-każijiet normali stqarrijiet preċedenti ma jinqrawx jekk ma jkunux ser jintużaw biex jiffriskaw il-memorja jew biex ix-xhud jiġi rinfaċċjat li fl-okkażjoni ta' dik l-istqarrija jkun għamel dikjarazzjoni li ma taqbilx max-xiehda tiegħu;

Ma' dan kollu din il-Qorti tara li hu rilevanti tirrileva li fit-termini ta' l-artikolu 440(1) tal-Kodiċi Kriminali l-istqarrijiet in kwistjoni huma dejjem disponibbli għall-akkużat li seta' rahom fi żmien utli qabel xehed u oltre dan fil-kors ta' dan il-ġuri kienu diġa nqraw lis-supretendent Psaila waqt li kien qed jixhed fil-presenza ta' l-akkużat;

F'każijiet bħal dawn wieħed jistenna li tiġi eżerċitata diskrezzjoni skond kif iċ-ċirkostanzi jkunu jirrikjedu, liema

diskrezzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti ġiet eżerċitata sewwa f'dal każ, ċjoè, b'mod li l-akkużat ma sofra ebda preġudizzju. Tant li f'diversi stadji tax-xiehda tiegħu ġie mfakkar f'dak li kien qal lill-ispettur u lill-Maġistrat inkwirenti u mogħti l-opportunità jispjega kull diverġenza apparenti jew rejali li kienet qed tirriżulta bejn dak li kien qed jixhed u dak li jirriżulta li kien qal qabel. Oltre dan, imbagħad, fl-indirizz il-ġurati ġew eżortati u mwissija japprezzaw li xi diverġenzi setgħu kienu ukoll dovuti għat-trapass taż-żmien bejn meta saru l-istqarrijiet u meta kien qed jixhed l-akkużat u li jżommu dan il-fatt f'moħħom meta jaslu biex jiddeliberaw;

Kollox ma' kollox, għalhekk din il-Qorti tara li dan l-aggravju mhux fondat legalment u għalhekk qed jiġi respint;

Din il-Qorti sejra issa tikkonsidra l-aggravju ta' l-appellant relattivament għall-indirizz ta' l-Onorevoli Imħallef li ppresjeda l-ġuri;

F'dan il-kuntest, kif ġa ngħad, l-appellant għandu tlett ilmenti u ċjoè:

i) fl-ewwel lok qed isostni li fl-indirizz imsemmi ma ngħatatx indikazzjoni ċara tal-bżonn li jkun hemm provi da parti tal-prosekuzzjoni;

ii) fit-tieni lok illi fl-indirizz ma ngħadx illi l-indizji biex jagħmlu prova jeħtieġ li jkun univoċi; u

iii) fit-tielet lok, skond l-appellant, għalkemm l-indirizz kien ekwilibrat ħafna, però kien nieqes minn severità fil-konfront

tat-teżi tal-prosekuzzjoni u n-nuqqas ta' provi kontra l-appellant;

Din il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa t-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Onorevoli Imħallef waslet għall-konklużjoni li mhux biss dawn l-aggravji ma jirriżultawx fondati iżda tħoss li l-indirizz kien oltre li ekwilibrat, preċiż u eżawrjenti ħafna fuq l-aspetti legali li fuqhom qiegħed inġustament jilmenta l-appellant;

*Omissis;*

Kwantu għall-allegazzjoni li fl-indirizz ma ngħatatx indikazzjoni ċara li l-indizji biex jagħmlu prova jeħtieġ li jkunu univoċi din il-Qorti mhux biss tara li din l-allegazzjoni hija nfondata iżda tħoss li għandha tosserva li l-appellant qed ikun inġust ma' l-ewwel Onorabbli Qorti. Dana għaliex l-aspett tal-provi indizjarji ġie verament spjegat bl-akbar attenzjoni lill-ġurati u dan f'aktar minn parti waħda mill-indirizz. Din il-Qorti sejra tiċċita biss parti waħda mill-indirizz li hi biżżejjed biex turi li l-allegazzjoni ta' l-appellant ma kienx hemm lok għaliha:

"Hemm uħud jgħidu li x-xiehda ċirkostanzjali għandha jkollha piż iżjed importanti għar-raġuni illi filwaqt li xhud jiġi hawnhekk jgħidlek x'ra u x'sema' jista' jigdeb, ix-xiehda ċirkostanzjali ma tigdiebx. Il-fatti huma dawk li huma. Però kif għidtilkom, sinjuri ġurati, il-fatti għalkemm ma jigdbux jistgħu jiżvijawkhom. Jiġifieri tridu toqogħdu attenti li intom toħorġu minn dawk il-fatti l-inferenza korretta u li toħroġ b'mod loġiku, b'mod raġonevoli u b'mod biex ngħid hekk neċessarju. U toqogħdu attenti ukoll li mill-istess fatt pruvat, ma joħorġux inferenzi oħrajn. U hawnhekk niġi għal dak li qalilkom l-avukat

difensur ukoll. Illi biex teħduha ċirkostanza ma tridx tkun, tird tkun univoka. U mhux ekwivoka, li tista' tgħid hekk u tista' tipprova ħaġa oħra. Trid tkun univoka. U ma tkunx ambigwa jiġifieri'' (meħuda minn fol. 92.3);

Ugwalment inġusta fil-konfront ta' l-indirizz kienet l-allegazzjoni ta' l-appellant li għalkemm ekewilibrat ħafna l-istess indirizz kien nieqes minn severità fil-konfront tat-teżi tal-Prosekuzzjoni u nuqqas ta' provi kontra l-appellant;

Kif diġa ngħad l-Onorevoli Imħallef li ppresjeda l-Ġuri spjega fit-tul l-obbligu li l-Prosekuzzjoni għandha li tipprova l-akkuża oltre d-dubju raġonevoli u li l-ġurati kellhom il-funzjoni u l-obbligu li jeżaminaw il-provi u li f'dan l-eżerċizzju l-ġudizzju tagħhom kien suprem. Oltre dan, però, fl-indirizz tiegħu, l-Onorevoli Imħallef mar pass oltre billi enfasizza lill-ġurati l-ħtieġa li joqogħdu ultra attenti f'dal-każ partikolari kif juri l-bran segwenti meħud mill-indirizz (fol. T91.6 u 7):

''Issa anke hawn nixtieq nagħmlilkom metafora oħra, għaliex aktar ma tkun gravi l-akkuża, allura b'mod korrispondenti trid tirriżulta l-prova. Il-konvinċiment tal-prova irid ikun b'mod korrispondenti għall-grad ta' l-akkuża. L-akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija l-akbar akkuża immaġinabbli fis-sistema legali tagħna. M'hemmx reat, fil-fehma tiegħi, aktar gravi minn dak ta' l-omiċidju volontarju. Għax hemmhekk għandek il-qtil, it-tneħħija ta' ħajja umana. Mela daqstant ieħor soda trid tkun il-prova miġjuba kontra l-akkużat....Jekk ser tonfoq mitejn lira fuq *fridge* ma tistax tonfoq mitejn lira fuq ħaġa oħra. Allura intom ser tiġu biex taraw, ser tagħmlu għażla fl-affermattiva. U naturalment tibdew tikkonsidraw, sakemm, taslu

għad-deċiżjoni tagħkom. Se tixtri karozza li tqum ferm iżjed milli tqum *fridge*. U allura intom naturalment intom iddumu taħsbu daqsxejn iżjed, id-deċiżjoni tagħkom trid tkun daqsxejn iżjed soda. Qed nipparaguna jien. Se tagħmel operazzjoni fejn jista' jkun hemm il-ħajja tiegħek fin-nofs. Ara hemmhekk id-deċiżjoni li se tieħu kemm irid ikollok daqsxejn konvinċiment ikbar mill-konvinċiment *ta'* qabel. Nispera li b'dan, sinjuri ġurati llustrajt biżżejjed il-mod tal-konvinċiment morali li għandu jkollkom, komparat dejjem ma' l-akkuża miġjuba kontra l-akkużat'';

Dan l-aggravju relattiv għall-indirizz għalhekk jirriżulta kompletament infondat;

In kwantu bbażat fuq l-artikolu 501(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, għalhekk, din il-Qorti ma tistax takkolji l-appell peress li la jirriżultalha li kien hemm irregolarità matul il-kawża u anqas li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett;

Ikkunsidrat fuq l-aggravji ta' l-appellant dwar il-mertu tal-każ ċjoè fuq l-appell in kwantu bbażat fuq l-artikolu 501(1) (a) tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri fuq l-allegazzjoni li ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża:

*Jiġi* dikjarat mill-ewwel li din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellant ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-każ billi tirritjeni illi quddiemhom il-ġurati kellhom materjal ta' provi wisq aktar minn biżżejjed biex setgħu jaslu għall-verdett ta' ħtija skond l-att ta' l-akkuża;

*Omissis;*

L-iktar aspett fundamentali tal-proċess kollu, però, hu l-fatt illi l-esperti forensi Professur Tilstone u Dr Abela Medici waslu għal konklużjonijiet diversi dwar kif seta' sar l-omiċidju ta' Carmen Bajada liema konklużjonijiet, però, kienu jeskludu kull waħda mill-verżjonijiet ta' l-akkużat. Qiegħed jingħad verżjonijiet ta' l-akkużat għaliex effettivament din il-Qorti temmen li matul il-proċess kien hemm kif diġa ngħad aktar minn verżjoni waħda da parti ta' l-akkużat anki jekk issa qed jippretendi li dejjem ħaddan u stqarr l-istess verżjoni. Jista' jiġi osservat ukoll f'dan l-istadju li għalkemm hu veru li waqt il-Ġuri rriżulta li l-istess esperti kellhom jikkoreġu lilhom infushom dwar ċerti kalkoli li kienu għamlu u anki jirreveduhom, xorta waħda waslu għal konklużjoni li teskludi dak li kien qed jirrakkonta l-akkużat. Dan ukoll ma setax ma influwenzax lill-ġurati li kellhom l-opportunità li jaraw lill-istess akkużat jurihom kif allegatament il-ħalliel qattiel daħal u poġġa fil-karozza tiegħu biex ikkommetta d-delitt u kellhom ukoll l-opportunità li jisimgħu lill-akkużat jixhed *viva voce* u japprezzaw il-komportament tiegħu waqt id-deposizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tara li għalkemm m'hemmx dubju li l-verżjoni tal-Prosekuzzjoni u dawk ta' l-akkużat kienu kongliġġenti, kif anki konfliġġenti kienu l-provi, ma kienx hemm dak il-konflitt ta' provi li a bażi tiegħu wieħed kellu neċessarjament jasal għall-konklużjoni li kien hemm dubju raġonevoli dwar jekk il-Prosekuzzjoni kinitx ippurvat il-każ tagħha ossia il-ħtija ta' l-akkużat skond l-att ta' l-akkuża. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anzi, l-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konviċiment morali

trankwill għall-aħħar jaslu għall-konklużjoni li ma jemmnux dak li kien qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi kif jirriżultaw mingħajr ebda ombra ta' dubju raġonevoli kienu jwasslu inekwivokabilment għall-ħtija tiegħu skond l-att ta' l-akkuża. Dana prinċipalment minħabba li dak li seta' jiġi kkonstatat wara l-inċident, speċjalment għal dak li huma konstatazzjonijiet xjentifiċi, jeskludi dak li qal li ġara l-akkużat, li kien l-uniku xhud okulari u li fid-diversi verżjonijiet tiegħu waqa' f'ħafna kontradizzjonijiet lampanti f'affarijiet u dettalji ta' sustanza. Fi kliem ieħor il-posizzjoni kienet li mhux biss ix-xiehda ta' l-akkużat kienet tali li setgħet raġonevolment ma titwemminx iżda l-provi kollha fl-assjem tagħhom speċjalment il-konstatazzjonijiet xjentifiċi kienu tali li, jekk aċċettati mill-ġurati bħala attendibbli, kienu jwasslu għall-konklużjoni ta' ħtija skond l-att ta' l-akkuża fil-konfront ta' l-akkużat;

*Omissis;*

Wara li ngħad dan kollu jinkombi issa fuq din il-Qorti l-kompitu ardwu li tidħol fi u tirrisolvi l-kwistjoni jekk għandhiex tilqa' t-talbiet ta' l-akkużat appellant fir-rigward ta' Bryan Green;

Ikkunsidrat għalhekk:

Fuq il-bażi tal-kriterji legali ġa esposti fil-parti rilevanti ta' din is-sentenza din il-Qorti tosserva li fil-fehma tagħha:

i) mhix sodisfatta li din il-prova jekk ammessa tista' tagħti lok biex l-appell jiġi milqugħ;

ii) illi għalhekk mhux il-każ li din il-Qorti għandha l-

obbligu li tammetti l-istess xhud taħt l-artikolu 507 tal-Kodiċi Kriminali;

iii) anqas ma hu l-każ li din il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-artikolu 506 tal-Kodiċi Kriminali kemm minħabba li kif ġa ngħad qabel fi kliem l-Archbold op. cit. *"it is common sense that the Court will not receive evidence under subsection (1)* (ekwivalenti għall-art. 506 tagħna) *if it is not satisfied that it would not afford any ground for allowing the appeal, for its reception would not be "necessary" in the interests of justice"*, kif ukoll għaliex din il-Qorti tħossha konvinta illi kieku Green xehed fil-ġuri dak li hemm fl-affidavit tiegħu ma kienx ikun hemm dak ir-*"reasonable doubt in the minds of the jury as to the guilt of the appellant"*.

*Omissis;*

Fi kliem ieħor, il-konklużjoni ta' din il-Qorti hija illi bix-xieħda ta' Bryan Green, kieku ngħatat fil-Ġuri, la kienu ser jiġu skossi l-konstatazzjonijiet ta' l-esperti forensi u anqas ma kienet ser tkun aktar kredibbli l-verżjoni ta' l-akkużat u għalhekk it-talbiet ta' l-appellant f'dawn ir-rigward ma jimmeritawx li jiġu akkolti u din il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-parti dispositiva ta' din is-sentenza;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi fl-ewwel lok tiċħad it-talba ta' l-appellant għas-smigħ tax-xhud Bryan Green f'dan l-istadju kif ukoll tiċħad it-talba alternattiva tiegħu biex f'każ li tiddeċidi li l-istess xhud għandu jiġi ammess jixhed tordna li jsir il-Ġuri mill-ġdid u tiddisponi mill-appell ta' l-istess Angel *sive* Angelo Bajada bill tiċħad l-istess u konsegentement

tikkonferma fil-konfront tiegħu s-sentenza appellata. Tirreferi però l-Awtoritajiet kompetenti għall-Proklama ta' l-E.T. il-President tar-Repubblika tad-29 ta' Jannar, 1987, il-"*Warrant*" ta' l-Aġent President tar-Repubblika tad-29 ta' Mejju, 1987 u għall-Proklama l-oħra ta' l-E.T. il-President tar-Repubblika tas-26 ta' Mejju, 1989 b'riferenza għal dak kollu fihom kontenuti li jista' japplika a benefiċċju ta' l-appellant konfermat ħati.